ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL
73, ST. MARY STREET
TARXIEN. TXN 1704
Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 33

It-Tlieta 15 ta' Novembru 2021

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Viċi Sindku
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier (attenda b`mod virtwali)
Anabelle Marmara' – Kunsillier (attendiet b`mod virtwali)

SKUZATI:
Neil Portelli – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **33.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 33.1.1 | Il-laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-19:00 minhabba li ma' kienx hemm *Quorum*. |
| 33.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li s-Sur Ismael Dalli u s-Sa Anabella Marmara talbu li jattendu ghall-laqgha b`mod virtwali minhabba sitwazzjoni li ma` kellhomx kontroll fuqa. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma' nstabet l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. |
| 33.1.3 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera prezenti li s-Sur Neil Portelli talab li jigi skuzat ghall-laqgha minhabba sitwazzjoni li ma kellux kontroll fuqa. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma' nstabet l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. |
| **33.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 33.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 32, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 33.2.2 | Is-Sa Darlene Vella Zammit ipproponiet u s-Sur Thomas Debattista ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 32, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **33.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 33.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar l-Erbgha 20 ta` Ottubru 2021 flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha ma` *Infrastructure* Malta, fejn gie diskuss il-progett tal-Pjazza. Is-Sindku prezenta l-pjanti varji li baghtu *Infrastructure* Malta u ssugerixxa li l-Pjazza ghandu jkollha kulur u mhux tkun kollha sewda bil-lava ghaldaqstant, ippropona li jsir bhal tapit fin-nofs tal-pjazza li jkun bil-porfido. Wara diskussjoni libera ittiehed vot bejn il-Kunsilliera prezenti fuq il-proposta tas-Sindku.<br><br>Ir-rizultat tal-voti huwa kif gej:<br><br>Joseph Abela Galea –ivvota favur;<br>Darlene Vella Zammit – ivvutat kontra ghax tippreferi li ssir l-arma tal-Kunsill fin-nofs tal-Pjazza;<br>Thomas Debattista – ivvota favur;<br>Christian Pace – ivvota favur;<br>Ismael Dalli – ivvota favur;<br>Anabelle Marmara' – ivvutat favur. |





EV JAG

| | |
|---|---|
| 32.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Christian Pace attenda laqgha mal-ghaqdiet, Ghaqda Socjali Madonna tad-Duttrina, Kumitat tal-Festa Marija Annunzjqata u l-Ghaqda Kultura u Armar minhabba l-arbli ghat-tizjin tal-Milied. Is-Sur Christian Pace spjega li sar fthiem li l-ghaqdiet jarmaw l-arbli Triq Palma, Triq Santa Marija u l-Pjazza. Is-Sur Christian Pace qal li ser ikun qed jikteb ittra ghan-nom tal-Kunsill sabiex isir fthiem mal-ghaqdiet. |
| 32.3.3 | Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li tinzamm attivita` tal-Milied fejn tingieb is-slitta ta` Santa Klaws sabiex iddur mat-toroq tal-lokalita`. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-attivita` ghandha tinzamm. |
| 33.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar l-Erbgha 27 ta` Ottubru 2021 u nhar it-Tnejn l-1 ta` Novembru 2021, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha ma ufficjali u mas-CEO ta` *Infrastructure* Malta. Is-Sindku spjega li *Infrastructure* Malta se tkun qed taghmel ix-xoghol fit-tlitt sqaqien ta` Triq Xintill, Trejqet Jimmy Farrugia inkluz Triq Sqajjaq. Is-Sindku qal li se jinbidel l-ilma, d-dranagg u jsir il-*creteprint* fl-isqaqien imsemmija. |
| 33.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kellem lill-ghaqdiet tal-lokalita` u ssugerixxa li l-fondi mweghda lilhom mill-Ministru Byron Camilleri ghas-sentejn li gejjin, jinghataw lill-Arcipriet biex jirrestawra l-faccata tal-knisja. Is-Sindku qali li ghadu qed jistenna r-risposti minghand l-ghaqdiet. |
| 33.3.6 | Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera bil-korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward is-servizz tal-WIFIEU u spjega li mhux possibli li dan is-servizz jigi nstallat fil-lokalita` ghax il-Kunsill ma sab l-ebda provvediment ghalih. Is-Sindku spjega li sabiex il-WIFI jigi nstallat jinhtieg li jkun hemm kamra disponibbli ghalih u peress li l-Kunsill m`ghandux fejn gew avvicinati entitajiet u ghaqdiet ohra. Is-Sindku spjega li madankollu hadd ma laqgha t-talba tal-Kunsill sabiex jigi nstallat il-WIFI. |
| 33.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li -Segretarju Ezekuttiv beda l-*Masters* fil-Governanza u l-*Management*. Is-Sindku spega li l-fatt li s-Segretarju Ezekuttiv ghazlet li taghmel dan il-*Masters* li huwa releтat mal-Kunsill Lokali se jkun ta` ghajnuna kbira ghall-istess Kunsill ghaldaqstant, talab lill-Kunsilliera prezenti jekk jaqblux li l-Kunsill jiffinanzja parti mill-kors li huwa d-differenza li mhux se tkun qed tikkawlifika ghalih is-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku qal li l-kors jiswa Eur7,650, 70% se jinaghtaw mill-*get qualified scheme*, 7.5% mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-kumplament jekk ikun hemm qbil jinaghta mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega li l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali gieli ffinanzjat 7.5% mill-kors imma ghalissa ma hemx informazzjoni jekk hux se jsir hekk u spjega li jekk l-AKL tiffinanzja is-7.5% dawn jitnaqsu mill-fondi |

| | |
|---|---|
| | mweghda mill-Kunsill. Is-Sindku qal li jekk ikun hemm qbil, is-Segreatrju Ezekuttiv tkun tista tinaghta l-ammont mifthiem malli jkollha l-ircivuti. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jinaghta d-differenza kollha li mhux se tkun finanzjata mill-kors tal-*Masters*. |
| **33.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 33.4.1 | Il-Vici Sindku Sa Darlene Vella Zammit staqsiet: "Triq id-Dejma meta ser issir iz-zebgħa mill-ġdid min faċċata tas-salib tad-Dejma sa ħdejn il-ħanut taz-zebgħa, fejn tispicca triq li tgħati għal Bulebel? Din kellha ssir f'Awissu li għadda". Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li z-zebgha ghadha ma saritx ghax kien hemm prijoritajiet ohra pero`, se ssir mill-aktar fis. |
| 33.4.1 | Il-Vici Sindku Sa Darlene Vella Zammit staqsiet: "It-tabelli l-ġodda li għandhom jeħħlu fl-akwati tal-*Home* tal-anzjani meta ser jeħħlu din is-sena 2021"? Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li t-tabelli se jigu nstallati qabel ma tispicca s-sena. |
| **33.5** | **Rapporti** |
| 33.5.1 | Is-Sindku prezenta ir-Rapport Finanzjarju ghat-tielet kwart tas-sena u talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tispjega r-rapport. Is-Segretarju Ezekuttiv taghat rendikont tar-Rapport u nfurmat lill-Kunsill li l-qaghda finanzjarja hija tajba u l-FSI huwa 39%. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ir-Rapport Finanzjarju gie approvat kif prezentat. |
| 33.5.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera b`ittra mibghuta mill-Qorti tal-Magistrati, fejn ic-*Citadel Insurance plc* ghan-nom ta` Schembri Infrastructures Ltd qed jitolbu ammont ta` Eur10,000 danni mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega li f`Mejju tas-sena 2019 qabel ma` gie elett il-Kunsill il-gdid, kien hemm incident fi Triq Kurunell Mas waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet fl-*Open Air Gym.* Is-Sindku qal li kienet waqghet sigra fuq vettura. Is-Sindku nforma l-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellem lill-Avukat tal-Kunsill u ntbghatet ittra ghan-nom tal-Kunsill lill-Avukat tas-*Citadel Insurance plc*, fejn gew infurmati li l-kaz huwa preskritt minhabba li kienu ghaddew aktar minn sentejn. |
| 33.5.3 | Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera prezenti li fid-9 ta` Dicembru 2021 se tinzamm il-Laqgha Annwali Generali f`Dar Nazzareth u spjega li tqassmu l-ittri f`kull residenza tal-lokalita` kif titlob il-ligi u anke sabiex kulhadd ikun infurmat. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 33.5.4 | Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv u lill-Vici Sindku sabiex jinfurmaw lill-Kunsill rigward iz-zjara li ghamlu f`Metz Franza ghall-Kungress tal-UDITE. Il-Vici Sindku Sa Darlene Vella Zammit infurmat lill-Kunsill li l-Kungress kien wiehed interessanti mmens u gew diskussa hafna temi fosthom, il-problema li gabet maghha l-pandemija fl-Awtoritiajiet Lokali inkluz l-aspett finanzjarju. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li gew diskussa wkoll it-tranzizzjonijiet lejn sistema digitali ta` *Remote Working* u l-inizjattivi ghall-aktar *open spaces*. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-ghan hu li l-Awtoritajiet ghandhom jahdmu fuq *Management crisis* sabiex jghinu aktar fil-kommunita`. |
| 33.5.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-applikazzjoni ghat-tieni sejha tal-Fondi Norvegizi giet accettata. Is-Sindku spjega li dan il-progett se jikkumplimenta l-progett tal-LESA fi Gnien Joanne. Is-Sindku qal li l-progett se jigi ffinanzjat komplut permezz tal-Fondi Norvegizi u l-ko-finanzjament mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. |
| 33.5.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li bhalissa hemm hafna progetti kbar li se jsiru mill-Kunsill u kollha ghandhom *deadline* ta` sena ghaldaqstant, informa lill-Kunsilliera li kemm bhala finanzi u anke bhala volum tax-xoghol ghalissa l-Kunsill m`ghandux izid aktar progetti kbar sakemm jitlestew dawn li hemm. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-kunsilliera prezenti gie deciz li l-Kunsill ghandu jlesti l-progetti li ghandu qabel ma jidhol ghall-aktar. |
| 33.5.7 | Fin-nuqqas tal-prezenza tal-Kunsillier is-Sur Neil Portelli s-Sindku nforma lill-Kunsilliera bl-istadju tal-attivita` tal-iskema *achievers* li se tkun apposta ghaz-zaghzagh. Is-Sindku habbar li d-data se tkun is-Sibt 27 ta` Novembru 2021 u se jsiru tahdidiet minn nies professjonali fuq attivita` fizika kif ukoll kif wiehed ghandu jiekol ghaqli ghall-sahtu. Is-Sindku spjega li ghall-attivita` se jkun hemm banda festiva, muzika, tqassim tal-frott bhala promozzjoni ghall-sahha ahjar u se jitqassmu wkoll *booklets* relatati mat-tema. |
| 33.5.8 | Is-Sindku talab lill-Vici Sindku Sa Darlene Vella Zammit sabiex tispjega l-attivita` tal-Milied ghall-anzjani. Il-Vici Sindku Sa Darlene Vella Zammit infurmat lill-Kunsilliera li l-preparamenti ghall-festin tal-Milied ghall-anzjani huma kollha lesti u l-attivita` se tinzamm fis-sala ta` Dar Nazzareth fil-21 ta` Dicembru 2021 fis-6.00pm. Is-Sa Darlene Vella Zammit spjegat li r-regolamenti kollha tal-Awtorita tas-sahha se jigu osservati ghaldaqstant, kull min jattendi irid jipprezenta c-certifikat tal-vaccin. |

| | |
|---|---|
| 33.5.9 | Is-Sindku talab lill-Kunsilliera Sa Anabelle Marmara taghti informazzjoni dwar l-attivita` li se tkun qed torganizza. Is- Sa Anabella Marmara nfurmat lill-Kunsill li se torganizza tahdidiet edukattivi minn nies professjonali ghall-studenti tas-sekondarja tal-bniet li qieghdin it-tieni sena. Hija spjegat li se taghti aktar informazzjoni fuq l-attivita` fil-granet li gejjin. |
| **33.6** | **Mozzjonijiet** |
| 33.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **33.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 33.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li qed jinhadmu t-*Tenders* ta` Gnien Joanne fejn il-Kunsill kien kwalifika ghall-fondi tal-LESA u issa ghall-fondi Norvegizi. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li jibqgha jigi mahtur Bord tal-Evalwazzjoni indipendenti. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-bord tal-Evalwazzjoni ghandu jkun indipendenti ghat-*Tenders* kollha li johrog il-Kunsill. |
| 33.7.2 | Is-Sindku talab lill-Kunsilliera ghall-approvazzjoni tat-*Tender* tal-*Contracts Manager* u talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex taghti spjegazzjoni fuq il-kontenut tat-*Tender*. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega l-kuntratt u talb l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jigi ppublikat fil-jiem li gejjin. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti t-*Tender* gie approvat kif prezentat. |
| 33.7.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li qed jigi *drafted* it-*Tender* tal-5-aside futbol grawnd u staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li x-xibka tal-grawnd ta` mat-Triq tigix sal-art jew le. Is-Sindku spjega li fuq parir tal-Perit, jekk ix-xibka tigi sal-art ikun ghaqli li jigu nstallati *railings* sabiex jigu evitati ncidenti. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li ix-xibka ta` mat-Triq tigi sal-art u jigu nstallati r-*railings*. |
| 33.7.4 | Is-Sindku spjega permezz tal-BOQ tal-5 aside futbol grawnd gie maghruf li l-ammont tal-fondi li gew moghtija mill-Agenzija Malta mhux se jkunu bizzejjed ghall-progett holistiku tal-5 aside grawnd, bandli u l-gnien ghax il-grawnd telgha aktar fil-prezz mill-prevvist. Is-Sindku spjega li se jkollu jaghmel tajjeb il-Kunsill sabiex isir ix-xoghol kollu u talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera.Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda oggezzjoni f dan ir-rigward. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

EV JAG

| | |
|---|---|
| **33.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 33.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 28/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Ottubru / Novembru 2021 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 33.8.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Christian Pace ssekondata mis-Sa Darlene Vella Zammit, l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **33.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 33.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8.00p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 9 ta' Dicembru 2021 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 15 ta' Novembru 2021.

**Joseph Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*